MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Numru 5/2013

Att ta' Akkuza Nru: 5/2013

Ir-Repubblika ta' Malta

Vs

Angelo Bilocca

Illum 26 ta' Marzu, 2015,

Il-Qorti,

Rat l-Att ta' Akkuza numru 5 tas-sena 2013 pprezentat fil-konfront ta' Angelo Bilocca, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 556978M fejn l-Avukat Generali fl-Ewwel Kap ippremetta:

Fit-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u għaxra (2010) il-pulizija rċevew rapport mingħand Abdulaziz Seven u Adama Bagayoko li allegaw li huma flimkien ma diversi persuni oħra kienu ser jiġu ttrasportati illegalment minn Malta lejn l-Italja fil-lejl preċedenti bejn it-tnax (12) u t-tlettax (13) ta' Lulju tal-istess sena elfejn u għaxra

(2010). Din il-ħarba kienet falliet waqt li kienu diġa fi triqtom lejn id-destinazzjoni tagħhom. Irriżulta li kien hemm diversi persuni involuti f'din l-intrapriza illegali, fosthom Angelo Bilocca li huwa l-akkużat f'dawn il-proċeduri.

Illi mill-investigazzjonijiet irriżulta illi diversi immigranti li kienu hawn Malta b'mod illegali kienu ġew avviċinati minn persuni ta' nazzjonalita' barranija f'pajjizna illi infurmawhom li kienu jafu min seta' jtihom assistenża sabiex jittieħdu l-Italja minn pajjizna illegalment u dan versu l-prezz ta' bejn elf u elf u ħames mitt Euro il-ras (€1000 - €1500). Din il-persuna li rċeviet dawn il-flejjes irriżultat li kienet l-akkużat Bilocca, li filfatt kien qed jiġbor il-ħlas għal dan it-traġitt illeċitu minn persuni oħra li kienu kkonġuraw miegħu sabiex jirradunaw lil dawn il-vittmi u jħajjruhom jużaw is-servizz offrut lilhom versu l-pagament indikat u liema persuni ġew ipproċessati separatament. Effettivament dawn il-persuni li ġew avviċinati, qua l-vittmi ta' dan it-trasport illeċitu, kienu ħalsu sommom konsiderevoli ta' flus bil-għan li jkunu jistgħu jitilqu minn Malta f'dan il-mod illegali skond kif propost lilhom u liema flejjes effettivament wasslu fil-pussess tal-imsemmi akkużat Bilocca.

Illi konsegwenzjalment fil-lejl tat-tnax (12) ta' Lulju elfejn u għaxra (2010) dawn l-immigranti li kienu jammontaw għal madwar ħamsa u għoxrin (25) b'kollox, u li ilkoll kienu ħallsu dawn il-flejjes sabiex jaħarbu b'dan il-mod, kienu filfatt inġabru minn trukk abjad misjuq minn Angelo Bilocca stess li xjentement ħadhom ġewwa Wied il-Għajn sabiex minn hemmhekk jitilqu minn xtutna kif miftiehem. Filfatt għall-ħabta ta' nofs il-lejl tal-lejl bejn it-tnax (12) u t-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u għaxra (2010) l-akkużat wassal lill-immmigranti in kwistjoni fl-akkwati ta' fejn kien hemm il-lukanda *Jerma Palace*, bl-iskop li minn hemmhekk jiġu ttrasportati llegalment minn Malta fuq *speed boat* lejn l-Italja, u liema dagħjsa kienet diġa fil-post tistennihom sabiex isalpaw minn hemmhekk. Kien hemm ukoll dagħjsa zgħira u kien hemm żewġ persuni mhux magħrufa allegatament ta' nazzjonalita' Maltija fuq id-dgħajjes in kwistjoni fil-post fejn iltaqaw l-immigranti wara li ġew akkumpanjati minn Angelo Bilocca kif hawn fuq imsemmi.

Illi dawn l-immigranti in kwistjoni, qua il-vittmi, rikbu fuq dawn id-dagħjjes fejn il-biċċa l-kbira minnhom rikbu fuq id-dagħjsa kbira u effettivament salpaw lejn l-Italja.

Allagatament meta kienu wasslu nofs triq fil-baħar l-immigranti ġew mitluba jidħlu kollha fid-dagħjsa ż-żgħira u jkomplu fi triqtom lejn l-Italja waħedhom, ħaġa li huma lkoll irrifjutaw peress li d-dagħjsa ma kienetx kbira biżżejjed għal ħamsa u għoxrin ruħ u peress li ħadd minnhom ma setaʼ jsuq id-dagħjsa in kwistjoni. Peress li dawn l-immigranti insistew bir-rifjut tagħhom huma ġew ittrasportati lura lejn Malta mill-assistenti mhux magħrufa tal-akkużat in kwistjoni u l-vjaġġ illegali mertu taʼ dan il-każ ġie kkanċellat.

Illi bʼgħemilu l-imsemmi Angelo Bilocca sar ħati talli, bejn it-tnax (12) u t-tlettax (13) taʼ Lulju tas-sena elfejn u għaxra (2010) u fil-jiem taʼ qabel, bil-ħsieb li jagħmel xi qliegħ li jkun, għen, assista, ta parir jew ħabrek biex persuni oħra jidħlu jew jagħmlu tentattiv biex jidħlu jew joħorġu jew jgħaddu minn jew jagħmlu tentattiv biex jgħaddu minn jew jagħmlu tentattiv biex joħorġu minn Malta bi ksur tal-liġijiet taʼ Malta, jew li, sew fʼMalta jew barra minn Malta, ikkonġura fʼdak is-sens maʼ xi persuna oħra; bʼdan li l-persuni mgħejjuna, assistiti, mogħtija parir, li jkun sar tħabrik dwarhom, jew il-mira tal-konġura, kienu taʼ aktar minn tlieta.

Illi bʼsentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Calcidonio Bilocca, Angelo Bilocca u Ivan Bilocca datat it-tnejn u ghoxrin (22) taʼ Marzu tas-sena elfejn u sitta (2006), l-imsemmi akkużat instab ħati taʼ diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-Angelo Bilocca, reċidiv fʼdellitt, ħati talli, bejn it-tnax (12) u t-tlettax (13) taʼ Lulju tas-sena elfejn u għaxra (2010) u fil-jiem taʼ qabel, bil-ħsieb li jagħmel xi qliegħ li jkun, għen, assista, ta parir jew ħabrek biex persuni oħra jidħlu jew jagħmlu tentattiv biex jidħlu jew joħorġu jew jgħaddu minn jew jagħmlu tentattiv biex jgħaddu minn jew jagħmlu tentattiv biex joħorġu minn Malta bi ksur tal-liġijiet taʼ Malta, jew li, sew fʼMalta jew barra minn Malta, ikkonġura fʼdak is-sens maʼ xi persuna oħra; bʼdan li l-persuni mgħejjuna, assistiti, mogħtija parir, li jkun sar tħabrik dwarhom, jew il-mira tal-konġura, kienu taʼ aktar minn tlieta; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena taʼ priġunerija taʼ mhux inqas minn sitt xhur u mhux iktar minn għoxrin sena jew multa taʼ tlieta u għoxrin elf mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) jew dik il-

multa u priġunerija flimkien, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 337A(1), 23, 23A, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-akkuzat ipprezentati fis-sitta (6) ta' Frar elfejn u tlettax (2013) fejn eccepixxa illi:

1. Illi l-atti huma nulli u dan ghaliex mill-atti ma jirrizultax li r-rinviji tal-Avukat Generali gew moqrija qabel kull seduta fil-bidu taghha u ghalhekk il-Qorti ma kienitx qed issegwi l-procedura rikjesta u dan qed jinghada ghaliex kemm il-darba l-Avukat Generali jitlob xi rekwizit u dan jigi njorat fis-seduta;
2. Id-difiza titlob l-isfilz ta' Adamo Agayoko datat 13 ta' Lulju, 2010 mmarkat bhala dok NG9 u dak datat 14 ta' Lulju, 2010 mmarkat bhala dok NG10, iz-zewg statements ta' Abdulazizi Seven datati 13 ta' Lulju, 2010 mmarkat bhala dok NG11 u dak datat 14 ta' Lulju, 201 0 markat bhala dok 15 u dan ghaliex huma statements ta' nies li kienu originarjament akkuzati mal-imputat izda llum l-imputat jinsab akkuzat wahdu u ghalhekk tali statements ma jghamlux stat fil-konfront tieghu u m'ghandhomx jibqqghu jifformaw parti minn dan il-process.

   L-artikolu 661 jipprovdi li "konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmliha, u mhix ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra." Is-subartikolu (3) tal-artikolu 639 qabel ma gie emendat bl-artikolu 21 tal-Att XVI tal-2006 kien jipprovdi hekk: "Meta x-xhud wahdani kontra l-akkuzat b'xi proċediment ghal xi reat li ma jkunx wiehed minn dawk imsemmija fl-artikoli 112 sas 118, 120, 121, 124 sa 126, u 138, ikun il-konplici, u x-xhieda tieghu ma tkunx bizzejjed korroborata b'cirkostanzi ohra, ix-xhieda ta' dan ix-xhud wahdu ma tkunx bizzejjed biex l-akkuzat jigi misjub hati."

   Bla pregudizzju ghas-suespost jigi rilevat ukoll li jirrizulta mill-process li dawn l-istess barranin ma jifhmux il-lingwa Maltjia tant li numru kbir ta' seduti gie nominat interpretu saabiex jassistihom waqt il-gbir tal-provi pero' ma jirrizultax li kien gie nominat sabiex jassistihom sabiex jirrilaxxjaw l-istqarrija taghhom li hija bil-lingwa Maltija u ghalhekk zgur li giet rilaxxjata bl-ghajnuna ta' terzi mhux mgharufa.

   In oltre jirrizulta li fil-mori tal-kawza gie nominat Dr. Joe Mifsud sabiex jghamel traduzzjoni tal-istatements ta' Adama Bagayoko, Abdulaziz Seven u Musa Angare u dan mil-lingwa Ingliza ghal lingwa Maltija pero' hawn hekk ghal darb'ohra ir-rikorrenti isostni li tali dokumentazzjoni ma ghaniex tibqa' esebita fl-atti u dan ghaliex ma tikkostitwix prova fil-konfront ta' l-imputat stante li dawn kienu ko-akkuzati tieghu u ghalhekk semmai ghandhom jintuzaw mill-prosekuzzjoni sabiex jiggwidaw lil dawn l-istess xhieda una

volta jitressqu jixhdu fil-guri li ghad irid jigi appuntat. In oltre qed jigi rilevat ukoll li Dr. Joe Mifsud ma ghandu l-ebda hila specjali sabiex jaghmilha ta' interpretu ghaliex kwalifiki ta' servizz ta' interpretu jew lingwista ma ghandux zgur u ghalhekk in-nomina tieghu tmur kontra dak li jiddisponi l-artikolu 650(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Id-difiza titlob l-isfilz taz-zewg statements tal-imputat markati bhala dok NG13 u NG14 datati 14 ta' Lulju, 2010 u 13 ta' Lulju, 2010 rispettivament u dan fuq il-premess li d-dritt tieghu ta' smiegh xieraq gie lez meta rrilaxxja tali stqarrijiet. U la darba t-tehid ta' din l-istqarrija tledi d-drittijiet fundamentali tal-akkuzat u ghalhekk ebda parti minnha ma ghandha tigi riprodotta f'dan l-istadju. Dan qed jinghad fid-dawl tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, u senjatament b'referenza ghall-kaz fl-ismijiet Salduz vs Turkey, Plonka vs Polonja, u Panavotis vs Grecja, fejn il-Qorti Ewropja kkristalizzat il-principju illi d-dritt sancit illi persuna tkun assistita mill-konsulent legali taghha, ghandha tinghat interpretazzjoni wiesgha, tant li tinkludi d-dritt illi persuna tkun hekk assistita sa mill-bidu tal-proceduri, inkluz waqt il-kors tal-investigazzjoni mill-Pulizija. Inoltre, ssir referenza wkoll ghas-sentenzi fl-ismijiet (konfermati fis-sede t'Appell) Il-Pulizija vs Alvin Priviter (Kawza Numru 20/2009), Il-Pulizija vs Esron Pullicino (Kawza Numru: 63/2009) u Il-Pulizija vs Mark Lombardi, fejn il-Qrati taghna kkristallizzaw l-istess principju, filwaqt illi sahqu l-fatti illi l-persuna tirilaxxa stqarrija, minghajr ma tinghata l-fakulta illi tikkonsulta ma' avukat qabel taghmel dan, iledi d-dritt tal-istess ghal smiegh xieraq stante li johloq zbilanc bejn id-drittijiet tal-persuna investigata u l-prosekuzzjoni.

   Dan il-hsieb huwa ukoll konformi ta' dak li gie deciz ricentament mill-Qorti Kostituzzjoniali fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri deciza fit-12 ta' Novembru, 2012 li kkonfermat is-sentenza li nghatat fis-16 ta' Jannar, 2012, mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fejn dik il-Qorti fil-kaz ta' Ir-Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri li huwa akkuzat b'reat aktar serju minn dan odjern u cioe' importazzjoni ta' kwantita' kbira ta' droga –

   "*a. Iddikjarat illi kien hemm lezjoni tad-dritt fondamentali ta' Alfred Camilleri protett mill-Artikolu 6(3)(c) abbinat mal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, u dan peress li ma kellux dritt ghall-access ta' avukat qabel sarulu domandi mill-Ispettur investigattiv qabel u waqt it-tehid tal-istatement.*

   *b. Iddikjarat li fil-kors tas-smiegh tal-proceduri kriminali m'ghandux isir uzu ta' provi li jkunu jirreferu ghal dak li qal Alfred Camilleri qal lill-ispettur, bi twegiba ghal domandi li ghamillu l-istess spettur*"

4. Id-difiza titlob l-isfilz tax-xhieda moghtija minn PS1098 Anthony Scerri, PS 165 Jason Gilson nhar id-19 ta' Mejju, 2011 u dan ghaliex dak li saru jafu minn nies li ghamlu r-rapport jikkostitwixxi hearsay evidence fil-konfront tal-

imputat u tali xheda ghandha tigi konfermata minn dik il-persuna li setghet irrilaxxjat l-informazzjoni li fuqha hadmu l-pulizija u f'certu parti ohra hija ukoll inkriminanti fil-konfront tal-imputat u minhabba dak li gie diskuss fil-paragrafu qabel dan dak ir-ragunament ghandu japplika ukoll fil-konfront ta' dawn ix-xheida. Dan japplika wkoll ghax-xhieda ta' l-Ispettur Nezren Grixti tat-28 ta' Lulju, 2010 fejn id-difiza qed titlob l-isfilz taghha;

5. Id-difiza titlob l-isfilz tad-dokumenti esebit waqt is-seduta tal-15 ta' Lulju, 2010 u cioe' il-komparixxi u speci ta' sentenzi moghtija mill-Magistrat Dr. Claire Stafrace fil-konfornt ta' Burema Sidibe u Dosina Brayou stante li dawn huma irregolari u mhux skond il-ligi.
6. Id-difiza titlob l-isfilz tal-istatement ta' Dasina Brayou datata 14 ta' Lulju, 2010 mmarkata bhala dok NG5 u dik ta' Burema Sidibe datata 13 ta' Lulju, 2010 mmarkata bhala dok NG6 peress illi l-allegati sentenzi li nghataw fil-konfornt ta Burema Siudibe u Dasino Brayou la ghandhom l-akkuz miktuba fis-sentenza u lanqas referenza ghall-artikoli tal-ligi li tahthom gew akkuzati u zgur li tali dokumentazzjoni ma tirriflettix sentenza tal-Qorti u mhix konformi mad-dettami tal-Ligi. In oltre ma jikkostitwixxu l-ebda stat fil-konfornt tal-imputat odjern;
7. Id-difiza titlob l-isfilz tax-xhieda ta' Dasina Brayou tat-28 ta' Lulju, 2010 peress li din giet mehuda b'manjiera ireoglari u dan ghaliex filwaqt li x-xhud allegatament iddepona bil-lingwa barranija u tradotta mill-Malti ma jirrizultax min kienet il-persuna li kienet giet nominata sabiex tghamilha ta' interpretu u tassisti lix-xhud. Mhemmx dubbju minn kif huma mposti d-domandi, li l-Qorti kienet qed tindirizza persuna li kellha tassisti lix-xhud waqt li kein qed jiddeponi.
8. Id-difiza titlob l-isfilz tar-rapport ta' PS612 Theo Vella a fol 259 tal-atti peress li dan l-espoert ma kienx gie nominat minn Qorti jew fl-atti tal-inkjesta izda biss bhala parti minn Police Work kif del resto jirrzulta mill-kopertura tal-istess dokument u ghalhekk tali prova hija biss ex-parte u mhix ammissibli fi proceduri penali u ghalhekk kwalsiasi referenza ghal tali dokument hija wkoll irregolari u ghandha tigi skartata.
9. Id-difiza titlob ukoll l-isfilz tax-xhieda tas-seduta tat-13 ta' Jannar, 2011 ta' Brian Farrugia bhala rapprezentant ta' Malta Transport u dan peress li x-xhieda li ta' taffetwa biss lil ex-ko-akkuzat Abdul Aziz Seven dwar il-vettura li kellu tal-ghamla Hyundai Stella numru ta' registrazzjoni JAP 142 u m'ghandha x'taqsam xejn mal-imputat odjern.
10. Id-difiza titlob l-isfilz tar-rapport ta' Martin Bajada l-ewwel lok ghaliex ma jirrizultax mill-atti l-inkarigu li huwa inghata u meta effettivament inghata jirrizulta biss li nhar il-5 ta' Mejju, 2011 l-inkarigu tieghu kien gie estiz pero' x' kien dan l-inkarigu original ma jirrzultax u fit-tieni lok il-ligi fl-artikolu 650(2)

tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tehtieg li jigi nominat espert bil-hila u t-teknika specjali u fil-fatt ma jirrizultax li din il-persuna ghandha xi specjalizzazzjoni fit-telekomunikazzjoni u fil-fatt kif jghid hu stess li huwa hadem fuq id-dokumenti li gew moghtija lilu minn rapprezentant tal-Vodafone. Fuq domandi tal-Qorti stess ma jirrizultax li tali xhud kienet awtorizzata minn xi pulizija jew Qorti sabiex tirrilaxxja tali dokumentazzjoni u dan sar b'abbuz u ghalhekk dan l-allegat espert hadem fuq dokumentazzjoni li giet moghtija lilu b'mod irregolari;

11. Id-difiza titlob ukoll lix-xhieda tax-xhud barrani Dasina Brayou illi xehed tigi ukoll sfilzata u dan ghaliex id-difiza talbet sabiex taghmel il-kontro ezami taghhom u dan fis-seduta tas-17 ta' Mejju, 2012 u ghaliex ma dehritx id-difiza f'okkazjoni wahda ghal seduta wahda il-Qorti dehrilha li kellha tiddikjara l-provi mghaluqa (bla ma id-difiza irrinunzjat ghal tali xhieda) u tmexxi minghajr tali kontro ezami u dan minkejja li l-Avukat Generali talab li dawn ix-xhieda jitressqu ghal kontro ezami permezz ta' tlett rinviji u cioe' nhar l-20 ta' Gunju, 2012, l-1 ta' Awwissu, 2012 u fis-26 ta' Settembru, 2012;
12. Id-difiza issostni li t-talba tal-prosekuzzjoni ghal-konfiska tat-truck numru ta' registrazjoni EBP 249 ma tistax tigi milqugha u dan ghaliex jirrizulta mix-xhieda ta' Brian Farrugia nhar il-21 ta' Ottubru, 2010 (fol 267) l-vettura tappartjeni lis-socjeta A & P Co. Ltd. U mhux lill-imputat;
13. Id-difiza issostni ukoll illi kontrarjament ghal dak li gie mitlub fl-istruttorja fejn l-imputat kellu ordni ta' ffrizar fuqu din ma ntalbitx fl-Att tal-Akkuza u una volta harget l-Att tal-Akkuza bla talba simili l-Avukat Generali ma jistax jitloba issa u ghalhekk ghandu ikun hemm ordni ghat-tnehhija taghha una volta il-kaz jinqata b'mod definittiv. Illi kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Il-Pulizija vs Michael Carter deciza fis-7 ta' Dicembru, 2001 in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370, ghandha rwol simili ghal dak tal-Att ta' Akkuza quddiem il-Qorti Kriminali w ghalhekk tapplika r-regola, dezunta mill-Artikolu 597(1) tal-Kodici Kriminali, li ma kellu jsir xejn fl-Att tal-Akkuza kontra l-akkuzat li jaghmel izjed gravi r-reat.

Semghet it-trattazzjoni tal-avukat difensur kif ukoll tal-avukat in rapprezentanza tal-Avukat Generali;

Rat l-atti tal-process;

Rat in-nota tal-erbgha (4) ta' Gunju tal-elfejn u erbatax (2014) fejn l-akkuzat irtira l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet u ghalhekk il-Qorti qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghhom;

Ikkunsidrat:

Rigward it-tieni eccezzjoni l-akkuzat qieghed jitlob l-isfilz ta' zewg statements ta' Adamo Bagayoko, iz-zewg statements ta' Abdul Azizi Seven u l-istatement ta' Musa Sangare u dan il ghaliex huma statements ta' nies illi kienu originarjament akkuzati mal-akkuzat u ghalhekk tali statements ma jaghmlux stat fil-konfront tieghu. Il-Qorti tirrileva illi dawn il-persuni huma indikati bhala xhieda fejn allura jaghtu d-depozizzjoni taghhom viva voce. Jekk din id-depozizzjoni tkun differenti minn dak illi originarjament qalu fl-istqarrijiet allura f'dan il-kaz l-istqarrijiet jistghu jservu ta' kontroll fejn ix-xhieda jkunu infaccjati ma' xi dikjarazzjonijiet illi jkunu qalu qabel u jispjegaw u jaghtu sodisfazzjon ghad-differenza, jekk ikun il-kaz. L-istqarrijiet bhala tali però ma jinghatawx lill-gurija izda kif inghad, qeghdin hemmhekk biex iservu ta' kontroll ghall-istess xhieda tal-persuni li jkunu ghamlu l-istatement originarjament. Ghalhekk f'dan is-sens l-istatements ghandhom jibqghu fil-process. F'din l-eccezzjoni l-akkuzat jaghmel riferenza ghas-sub artiklu 3 tal-artikolu 639 qabel ma gie emendat bl-artikolu 21 tal-Att XVI/2006. Din il-Qorti ma tafx ghaliex l-akkuzat ghamel riferenza ghal artikolu skadut. Meta sar dan ir-reat allegatament fit-tlettax (13) ta' Lulju tal-elfejn u ghaxra (2010) l-artikolu msemmi f'din l-eccezzjoni kien digà emendat u llum xhieda ta' komplici meta jkun l-unika xhud kontra akkuzat tista' taghmel stat basta l-Qorti tirrileva l-"caveat" tal-kawtela qabel ma l-gurati jserrhu fuqha u jaslu biex isibu hati lill-akkuzat.

Rigward il-lingwagg uzat biex isiru l-istqarrijiet dejjem kien hemm interpretu biex jassistu lill-persuni waqt l-istqarrija. Ma jidhirx illi hemm xi diffikultà ghat-traduzzjoni peress illi mhuwiex difficli ghanilna naghmlu traduzzjoni mil-lingwa Ingliza ghal dik Maltija. Hija prassi komuni fil-qrati taghna illi meta jkollna diffikultà fil-lingwa bejn il-Malti u l-Ingliz u vice versa jigi nominat avukat biex jassisti lill-persuna fit-traduzzjoni tal-lingwa u qatt hadd ma jiddubita l-kompetenza ta' avukat illi jista' jaghmel traduzzjoni bhal din. Ghalhekk in-nomina ta' Dottor Joe Mifsud biex jaghmel traduzzjoni tal-istqarrijiet mil-lingwa Ingliza ghal dik Maltija hija wahda regolari u din it-traduzzjoni tista' tintuza ghall-fini ta' kontroll, kif inghad fil-bidu tal-konsiderazzjonijiet ta' din it-tieni eccezzjoni. Ghalhekk il-Qorti qieghda tichad din it-tieni eccezzjoni.

Rigward ir-raba' eccezzjoni d-Difiza qieghda titlob l-isfilz tax-xhieda moghtija mill-Ispettur u pulizija li investigaw dan il-kaz peress illi jikkostitwixxi hearsay evidence fil-konfront tal-imputat peress illi l-pulizija ma tirrilaxxax informazzjoni li fuqha kienu hadmu.

Ikkunsidrat:

Hija ukoll prassi ta' dawn il-qrati illi jezentaw lill-ispettur u pulizija illi jizvelaw is-sorsi tal-informazzjoni taghhom. Sabiex il-gurati jkunu mqieghda fl-istorja l-prosekuturi jaghtu rendikont ta' kif imxiet l-investigazzjoni. F'dan ir-rendikont

bilfors qeghdin jirrakkontaw xi haga illi huma saru jafu minghand haddiehor u peress illi l-pulizija m'humiex obbligati, lanqas b'ordni tal-Qorti, illi jizvelaw is-sorsi tal-informazzjoni taghhom din ix-xhieda dejjem giet accettata minn dawn il-qrati ghad illi l-persuni li jkunu msemmija fix-xhieda generalment ikunu mehtiega illi jaghtu d-depozizzjoni taghhom biex b'hekk jikkonfermaw dak illi jkunu qalu l-pulizija.

Il-hames eccezzjoni titlob l-isfilz ta' dokumenti u speci ta' sentenzi fil-konfront ta' Burema Sidibe u Dozina Brayou stante li dawn huma irregolari u mhux skont il-ligi. Din il-Qorti tirrileva illi mhiex qieghda hawnhekk fi stadju tal-appell u ma tistax tidhol f'irregolaritajiet ta' sentenzi ohra moghtija minn qrati ohrajn. Tista' tikkonsidra biss eccezzjonijiet ghall-att ta' akkuza u din l-eccezzjoni m'ghandha x'taqsam xejn ma' dan l-att. Ghalhekk il-Qorti tqis din l-eccezzjoni bhala irrelevanti u wkoll tichadha.

Fis-sitt eccezzjoni l-akkuzat qieghed jitlob l-isfilz tal-istqarrijiet ta' Dazina Brayou u ta' Burema Sidibe. Dawn l-istqarrijiet huma parti mill-proces verbal maghmul regolarment u dan jista'  jifforma prova fil-konfront tal-akkuzat u ghalhekk tichad din l-eccezzjoni u thalli impregudikat il-proces verbal esebit.

Fis-seba'eccezzjoni tieghu l-akkuzat qieghed jitlob l-isfilz tax-xhieda ta' Dazina Brayou tal-28 ta' Lulju 2010 peress illi ttiehdet b'manjiera irregolari. Skont l-akkuzat ma jirrizultax min kienet il-persuna illi giet nominata biex taghmilha ta' interpretu u tassisti lix-xhud. Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghal pagni 46 u 47 fejn Dottor Anthony Licari gie nominat bhala interpretu mil-lingwa Franciza ghal dik Maltija. Ma hemm xejn pregudizzjali ghall-akkuzat f'din in-nomina u din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Fit-tmien eccezzjoni l-akkuzat qieghed jitlob l-isfilz tar-rapport ta' PS 612 Theo Vella a fol 259 peress illi dan ma kienx gie nominat mill-Qorti fl-atti tal-inkjesta. F'dan il-kaz, kwindi, din il-Qorti tordna illi PS 612 Theo Vella jaghti x-xhieda tieghu bhala xhud ordinarju izda ma jesprimix opinjoni li normalment dan huwa rizervat ghal espert mahtur mill-Qorti.

Fid-disa' eccezzjoni l-akkkuzat qieghed jitlob l-isfilz tax-xhieda tas-seduta tat-tlettax (13) ta' Jannar tal-elfejn u hdax (2011) ta' Brian Farrugia bhala rapprezentant ta' Transport Malta dwar vettura illi kellu ex ko-akkuzat Abdel Azziz Seven. Jekk din ix-xhieda ta' Brian Farrugia hijiex rilevanti jew le hija xi haga illi ghandha tithalla ghas-smigh tal-guri u hemmhekk jigi deciz jekk ix-xhieda ta' Brian Farrugia ghandhiex tinstema' jew le.

Fl-ghaxar eccezzjoni l-akkuzat qieghed jitlob l-isfilz tar-rapport ta' Martin Bajada peress illi ma irrizultax mill-atti l-inkarigu illi huwa inghata. Din il-Qorti tirrileva illi

Dottor Martin Bajada huwa espert tal-IT illi huwa regolarment appuntat minn din il-Qorti minhabba l-ispecjalizazzjoni illi ghandu fl-IT u telekomunikazzjoni. Huwa ben maghruf f'dan il-qasam u ghalhekk in-nomina tieghu hija wahda regolari. Jekk kienx awtorizzat illi jirrilaxxa d-dokumentazzjoni illi giet moghtija lilu mir-rapprezentant tal-Vodafone, din hija xi haga li tista' tigi determinata fil-kors tal-guri peress illi tista' ssir ricerka dwar il-modalità kif din id-dokumentazzjoni giet moghtija. U f'dan is-sens din l-eccezzjoni ukoll qed tigi michuda.

Fl-eccezzjoni numru hdax l-akkuzat qieghed jitlob ix-xhieda ta' xhud barrani Dazina Brayou tigi sfilzata il ghaliex id-Difiza ma ghamlitx il-kontro ezami tieghu. Il-Qorti taghmel riferenza ghall-verbal li jidher a fol 480 fejn l-Avukat Generali ghamel kwezit ghas-smiegh tax-xhieda tieghu u fis-seduta ta' wara l-avukat difensur ma deherx u ghalhekk il-Qorti baqghet ghaddejja. L-akkuzat donnu qed jippretendi illi f'dan il-kaz il-Qorti messha iddifferiet il-kawza ghal aktar tard jew gurnata ohra. Bir-rispett il-Qorti ma jidhrilhiex illi kien hemm bzonn illi jsir hekk. Il-Qorti ma kinitx moghtija informazzjoni fejn kien l-avukat difensur, jekk kienx qieghed il-Qorti u jitfacca aktar tard jew inkella addirittura ma kien xejn hemmhekk. Ghalhekk f'dan il-kaz ghamlet sew illi baqghet ghaddejja. Illum din il-persuna hija indikata bhala xhud u ghalhekk jekk tkun prezenti tista' tkun soggetta ghall-kontro ezami waqt il-guri. Fi kwalunkwe kaz dan ma jimpingix negattivament fuq ix-xhieda moghtija regolarment bil-gurament waqt il-kumpilazzjoni.

Rigward l-eccezzjonijiet numru tnax u tlettax, il-Qorti tirrileva illi dawn huma eccezzjonijiet dwar provvedimenti illi jinghataw fl-ahhar tal-guri jekk u meta tinstab htija. Biss, il-Qorti tirrileva illi t-trakk inkwistjoni jifforma parti mill-corpus delicti u s-socjetà imsemmija A&P Company Limited hija fil-fatt tal-akkuzat Angelo Bilocca. Però l-Qorti tirrizerva li tiehu xi pozizzjoni definittiva fuq din it-talba ghall-konfiska fl-ahhar tal-guri jekk ikun il-kaz. L-istess jinghad fuq l-ordni tal-iffrizar imsemmi fit-tlettax-il eccezzjoni tal-akkuzat.

B'hekk il-Qorti qieghda tiddisponi mill-eccezzjonijiet kollha mqajjma mill-akkuzat fin-nota tal-eccezzjoni tieghu u l-Qorti ghalhekk tiddiferixxi l-kawza sine die biex tistenna t-turn taghha tinstema' bhala guri.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------